L-UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
MALTA
OFFICE OF THE PRIME MINISTER

*Dipartiment għall-Gvern Lokali* *Department for Local Government*

Ref. Tagħna LCD 13/1994/XV

5 ta' Diċembru 2011

Lis-Sindki, Viċi Sindki,
Kunsillieri Lokali u
Segretarji Eżekuttivi
Kunsilli Lokali

# MEMO 119/2011

## EŻENZJONI MILL-OBBLIGU TAL-FTUĦ TAL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV NHAR TA' SIBT (L-24 TA' DIĊEMBRU U L-31 TA' DIĊEMBRU 2011)

Artikolu 48(2) tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) jgħid li l-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsilli Lokali għandhom ikunu miftuħa għall-pubbliku fil-ġranet kollha tax-xogħol inkluża l-ġurnata tas-Sibt.

Billli lejliet il-Milied u l-aħħar tas-sena (l-24 ta' Diċembru u l-31 ta' Diċembru) se jinzertaw fil-ġurnata tas-Sibt, il-Kunsilli Lokali qed jiġu mgħarrfa illi f'dawn il-jumejn jistgħu ma jiftħux l-uffiċċju amministrattiv għall-pubbliku.

Il-Kunsilli Lokali huma mħeġġa li, jekk jagħżlu li ma jiftħux f'dawn il-jumejn jew f'xi ġurnata minnhom, javżaw lir-residenti tagħhom b'dan kif ukoll jagħmlu avviż fin-*notice board* tagħhom sabiex il-pubbliku jkun imgħarraf.

Carmel Abela
Direttur, Gvern Lokali

Kopji: Segretarju Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Uffiċċju tal-Prim Ministru
Segretarju Permanenti Ewlieni
Kelliemi Ewlieni tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali
Awditur Ġenerali
Ombudsman
Segretarju Privat tal-Prim Ministru, Uffiċċju tal-Prim Ministru
President, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
President, Assoċjazzjoni Segretarji Eżekuttivi Kunsilli Lokali (Malta)

26 TRIQ L-ARĊISQOF, VALLETTA VLT 2000
TEL: 2200 2300 FAX: 2200 2390